# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ġunju, 2020**

**Numru 16**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 627/20TA**

**Cherubino Limited (C-3677)**

**vs**

**Dipartiment tal-Kuntratti**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' rikorrenti Cherubino Ltd tal-11 ta' Ġunju 2020;

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2020, Dr. Christian Falzon Scerri ingħata kopja ta' dan ir-rikors seduta stante u saħansitra għamel it-tweġiba tiegħu għalih;

Rat li fl-istess seduta l-partijiet trattaw ir-rikors imsemmi;

Rat id-dokumenti kollha u l-atti kollha;

Rat li ir-rikors tħalla għal-lum għal digriet.

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz ta’ digriet tagħha tat-3 ta’ Ġunju 2020 din il-Qorti laqgħet il-mandat ta’ inibizzjoni provviżorjament. Skont is-Soċjeta’ rikorrenti minkejja din l-ordni, l-proċedura tal-akkwist pubbliku mertu tar-rikors tal-Mandat ta’ Inibizzjoni baqgħet għaddejja quddiem il-Kumitat tal-Kuntratti tant li fl-4 ta’ Ġunju 2020 fid-9.30 ta’ fil-għodu u sussegwentement fl-10.00 am l-offerti nfetħu. Is-soċjeta’ rikorrenti qed isostni li dan sar bi ksur tad-digriet imsemmi.

Fis-seduta tal-11 ta’ Ġunju 2020 l-intimat spjega illi dak li ġara fil-mori ta’ dan il-mandat kien li ġie magħluq il-proċess il-Ħamis 4 ta’ Ġunju, 2020 u dan għaliex mal-mument li d-Dipartiment tal-Kuntratti irċieva d-digriet provvisorju ma ġiex imniżżel fis-sistema elettronika li kien hemm inibizzjoni temporanja u għalhekk is-sejħa għalqet awtomatikament b’mod elettroniku.

**Applikabilita’ tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**

Il-Qorti taghmel referenza **ghad-digriet fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni fl-ismijiet Licia Maria Vella -vs- Tlata Contractors Ltd tal-25 ta’ Frar 2020** fejn intqal hekk:

“*Minn studju ta' kif evolva l-artikolu 878 tal-Kap 12, wieħed jista' jeddeżumi għal-liema sitwazzjonijiet jista' jintuża s-subartiklu (4). Fil-fehma ta' din il-*

*Qorti din il-proċedura partikulari ma hiex maħsuba għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, iżda għat-twettiq ta' xogħolijiet materjali ta' bini. Difatti, dan is-subartiklu jipprospetta li jekk bis-saħħa ta' ordni mogħtija l-persuna ma treġġax kollox għal li kien "fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk* ***ix-xogħolijiet kollha rimedjali*** *li l-Qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjes tal-persuna inibita." (Emfażi ta' din il-Qorti). Fit-test ingliż "such remedial works". Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-diċitura tal-liġi sabiex jitreġġa' lura kollox għall-istat li kien fil-mument li jkun ġie presentat ir-rikors, ma tipprestax ruħha għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha l-Qorti. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti ma hux il-każ li jistgħu jiġu ordnati* ***xogħolijiet rimedjali****. L-għemil li qed tilmenta minnu r-rikorrenti ma jikkonsistix f'xogħolijiet."*

Anke f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti ssostni dan ir-raġunament. Tajjeb jew ħażin, din il-parti tal-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, għalkemm saru diversi tibdiliet fil-liġi u għalkemm in-negozji ġuridiċi tal-lum saru aktar kumplessi u tekniċi, ir-rimedju taħt dan is-subartiklu huwa maħsub għal bini u attivitajiet konnessi mal-istess. Dan is-subartiklu partikulari għadu jirrifletti l-utilita' limitata tiegħu għal xogħol ta' kostruzzjoni u ghall-attivita' marbuta ma' xogħol ta' bini. Huwa ukoll sinjifikanti , li t-test ingliz ukoll jagħti x'jifhem li din hi l-interpretazzjoni ġusta ta' din il-parti tal-liġi, inkwantu tagħmel referenza għal "remedial works".

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tarax li għandha s-setgħa fil-liġi li tagħmel dak li qed titlob is-Soċjeta' Attriċi fir-rikors odjern abbażi tal-artikolu inkwistjoni. Fejn il-liġi riedet li tagħti din is-setgħa dan għamlitu. Hekk per eżempju f'artikolu 874(6) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta sa fejn jirrigwarda trasferiment ta' ishma (ara **Digriet tal-Prim Awlaa fl-ismijiet Daniel Tingström -vs- Ögren tad-19 ta' Frar 2020**). Dan huwa ukoll konformi mat-tagħlim imnissel mill-massima legali *ubi lex voluit dixit* u dan in ommaġġ mal-prinċipju l-ieħor tas-salta tal-liġi. Il-Qrati tagħna dejjem għallmu li "*meta l-liġi trid li ssir xi ħaġa, titkellem; meta ma tridx, iżżomm is-silenzju. M'għandniex nisiltu konklużjonijiet materjali mis-silenzju tal-liġi. Fejn il-liġi riedet tippermetti s-sospensjoni tal-iżvilupp, qalitu. Fejn ma tkellmitx, sinjal li ma riditux; kieku riditu, kienet tipprovdi għalih fl-istadju tas-smiegħ quddiem il-Qorti tal-Appell*." (ara **Digriet Prim Awla tat-30 ta' Diċembru 2019 per Imħallef Grazio Mercieca fl-ismijiet Din L-art Ħelwa et -vs- Schembri Concrete Blocks Ltd et**)

**Rimedji oħrajn**

Is-Soċjeta' rikorrenti, apparti l-applikazzjoni tal-artikolu fuq imsemmi tal-liġi, qegħdha titlob li "*jittiehdu l-azzjonijiet kollha u neċessarji*" bħala rimedju għall-ilment tiegħu. Waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tas-Soċjeta' rikorrenti spjega li dan qiegħed jintalab fid-dawl ta' dak li jiddisponi 15(1) tar-regolamenti 601.03 li jiddisponi li *"Id-Direttur tal-Kuntratti għandu d-dritt li jħassar għotja ta' kuntratt f'kull waqt tal-process tas-sejha jew*

*kwotazzjonijiet ukoll wara li jkun ġie mħabbar l-offerent magħżul u jkun ukoll għadda ż-żmien biex jitressqu lmenti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni jew Qorti, jekk jinstab illi l-għotja ta' dak il-kuntratt tkun saret bi ksur ta' dawn ir-regolamenti jew tkun ingħatat b'mod li jiddiskrimina bejn l-operaturi ekonomiċi".*

Minn dak li fehmet il-Qorti waqt it-trattazzjoni, is-Soċjeta' rikorrenti trid tottjeni ordni minn din il-Qorti abbażi ta' dan ir-regolament. Il-Qorti ma tistax tagħmel dan. Din is-setgħa hija vestita unikament fid-Direttur tal-Kuntratti. Li kieku din il-Qorti kellha teżerċita din is-setgħa jkun hemm ċar straripament ta' poteri. L-anqas ma tista' din il-Qorti tordna lid-Direttur tal-Kuntratti jeżerċita dan il-poter għaliex din il-Qorti ma hiex vestita bis-setgħa li ġġiegħlu jagħmel dan. Mingħajr is-sanzjoni ċara tal-liġi, din il-Qorti ma tistax tagħmel dak li qed jintalab minnha. A skanz ta' repetizzjoni , dak li qalet din il-Qorti dwar il-prinċipju ta' *ubi lex voluit dixit*, issir referenza għas-suespost dwar dan il-prinċipju.

Fl-aħħar nett dan kollu qed jingħad mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra li talvolta jista' għandha s-Soċjeta' rikorrenti, taħt il-liġi ordinarja jew regolamenti u kif ukoll taħt il-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta fejn jipprovdi espressament il-konsegwenzi fir-rigward ta' min ma josservax ordni ta' Qorti.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent kif mitluba fir-rikors tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2020.

Spejjes ta' dan id-digriet a' karigu tas-Soċjeta' rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**